MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2011

Rikors Numru. 77/2011

## BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D**
**CHAIRMAN**

**Rikors numru 77/2011**

**Daniel Grima (I.D. Card No. 668752M) u martu Angela Grima (I.D. Card No. 464956M)**

**vs**

**Khaled Fathi Dora**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti :

Illi huma jikru lill-intimat il-post Nr. 19, il-Moll tal-Hatab, Marsa bil-kera ta’ €200 (mitejn Euro) fix-xahar;

Illi dan il-post inkera wara l-ewwel ta’ Gunju 1995;

Illi l-esponenti huma l-proprjetarji tal-fond kif jirrizulta mill-anness kuntratt tat-30 ta’ Settembru 2002 in atti nutar Philip Said (Dok A);

Illi l-intimat huwa moruz fil-pagament ta’ 8 (tmien) skadenzi konsekuttivi ta’ kera minn Novembru 2010 sa Gunju 2011 ammontanti ghal €1,600 (elf u sitt mitt Euro) u in oltre lanqas qieghed ihallas il-kontijiet tad-dawl u ta’ l-ilma ta’ l-istess post;

Illi l-esponenti interpellaw lill-intimat sabiex ihallas is-seba’ (7) skadenzi imsemmija ammonti €1,400 (elf u erba’ mitt Euro) permezz ta’ ittra ufficjali datata 8 ta’ Gunju 2011 li kopja legali taghha qeghda mmarkata bhala Dokument B;

Illi l-intimat nonstante din l-interpellazzjoni baqa’ ma hallasx skadenza ohra u ghad fadallu jaghti l-ammont ta’ €1,600 (elf u sitt mitt Euro) u ghad fadallu ukoll ihallas il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma;

Illi stante din l-inadempienza tal-intimat, ir-rikorrenti jridu jxolju l-lokazzjoni u jirriprendu l-pussess tal-imsemmi fond;

Illi l-esponenti jiddikjaraw illi jafu l-fatti esposti personalment u li sa fejn jafu l-intimat m’ghandu l-ebda difiza x’jaghti kontra l-odjerna talba u ghalhekk huwa l-kaz li l-Bord jghaddi sabiex jiddeciedi l-kawza pendenti b’mod sommarju ai termini ta’ l-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghldaqstant ir-rikorrenti qeghdin jitolbu li dan il-Bord joghgbu:

1. Fl-ewwel lok jisma' u jiddeciedi din il-kawza bid-dipensa tas-smiegh in virtu' tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fit-tieni lok jordna x-xoljiment tal-lokazzjoni fuq imsemmija u konsegwentement jawtorizza lir-rikorrenti jiriprendu l-pussess tal-fond Nru. 1, il-Moll tal-Hatab, Marsa stante l-morozita' tal-kera da parti tal-intimat;

3. Fit-tielet lok jordna lill-intimat li jivvaka u jizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu prefiss minn dan il-fond;

4. Fir-raba lok tordna u tikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont ta' €1,600 (elf u sitt mitt Euro) ta' tmien skadenzi tal-kera kif fuq inghad;

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittrri ufficjali tat-8 ta' Gunju 2011 kontra l-intimat li huwa ingunt ghas-subizzjoni u b'riserva a favur ir-rikorrenti ghal kwalsiasi azzjoni ulterjuri lilhom spettanti skond il-ligi kontra l-intimat;

Semgha lir-rikorrent Daniel Grima jikkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors guramentat kif ukoll illi mid-data tal-prezentata tar-rikors ma kien hemm ebda kambjament ghajr illi wara diversi tentattivi biex jintracca lill-intimat dan offra li jhallas parti zghira tal-ammont dovut;

Ra d-dikjarazzjoni tal-intimat li ma kienx behsiebu jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti kif verbalizzata fis-seduta tal-lum 12 ta' Settembru, 2011;

Illi ghalhekk t-talbiet kif dedotti fir-rikors ghandhom jintlaqghu u s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat u :

Jiddikjara x-xolt l-kuntratt ta lokazzjoni tal-fond 19, il-Moll tal-Hatab, Marsa bejn il-partijiet;

Jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-fond numru 19, il-Moll tal-Hatab, Marsa wara tletin (30) jum mil-lum;

Jikkundanna lill-intimat jhallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' €1,600 (Elf u sitt mitt Euro) skond kif dedotti fir-rikors bl-imghax skond il-ligi, salv kull debitu iehor spettanti lir-rikorrenti;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------